MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Numru 655/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi)**

**Vs**

**Aaron Custo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Aaron Custo ta' karta ta' identita' numru 504378(M) akkuzat talli fit-12 ta' Awissu 2002 ghal hata tal-11:00 p.m. f'Haz-Zebbug:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Mario Casha minn Haz-Zebbug f'perikolu car, volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mario Casha b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' kundanna tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni ta' Mario Casha, ta' Mary Grace Camilleri u l-familjari taghhom u tax-xhieda u/jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti u dan ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghat l-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tieghu;

Semghet l-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat li ghamel offizi gravi volontarji fuq il-persuna ta' Mario Casha. Hu wkoll mixli li kellu u garr strument, konsistenti f'sikkina, minghajr l-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-konfront tal-offizi gravi jidher mill-provi li tali offiza giet ikkagunata f'id ix-xellugija tal-parti leza li konsegwenza taghha u fi kliem l-istess parti leza l-palma ta' din l-id hu ma jistax jiftaha kompletament. Il-Qorti wkoll osservat li l-ferita kienet tidher pujtost pronunzjata.

Illi m'ghandux ikun hemm dubbju dwar li l-offiza f'dan il-kaz, u in mankanza ta' prova certa ta' sfregju gravi u permanenti, tidhol fil-paramentri tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, jigifieri punibbli bi prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin. Lanqas ma hemm dubbju li din il-ferita giet maghmula mill-imputat li jidher li ried ipattiha ghal xi haga

li l-Qorti ma tistax hlief tiddefiniha trivjali u li certament u f'kul kaz qatt ma setghet jew tista' tkun gustifikanti.

Jirrisulta fil-kuntest ta' din l-akkua li l-imptuat kien propositament mar fejn l-vettura tal-parti leza li kien bilqeghdha fil-vettura, bl-gharusa tieghu bilqeghdha hdejh fl-istess vettura, jitkellem ma kuginuh li kien fuq barra. Jidher li l-imputat hawnhekk ghadda rimarka dwar xi haga fil-vettrua fuq wara, aljiena lill-parti leza, u f'dan il-preciz mument attakkah bis-sikkina. Is-segwitu ta' dan l-attakk, hu proprju l-ferita subita mill-parti leza kif fuq intqal, li l-akkuzat irid jirrispondi kif ghandu wkoll jirrispondi ghall-offiza l-ohra li kellu u kien qieghed igorr strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija li tirrisulta wkoll pruvata.

Illi ghalhekk jonqos biss li l-Qorti titratta dwar il-piena, li tenut l-gravita' tar-reat, anka minhabba c-cirkostanzi fejn il-Qorti ma tara li kien hemm provokazzjoni ta' xejn, ghandha tkun wahda ta' habs. Fil-fehma taghha pero' l-imputat minhabba li rrizulta li ghandu bzonn li jigi assistit u jircevi l-kura rikjesta ghall-problemi psikici, sejra tadottha fil-forma sospiza u b'supervizjoni ta' ufficjal tal-probation.

Tiddisponi ghalhekk, li fil-waqt li ssib l-imputat hati tar-reati kontrih dedotti, wara li rat l-Artikolu 214, 216(1)(b), 17, 28A u 28G tal-Kap 9 u l-Artikolu 13 tal-Kap 66, qeghdha tikkundannah: kwantu ghar-reat tal-offiza gravi ghal tmintax il-xahar prigunerija li qeghdha tissospendi ghall-tlett snin mill-lum u b'zieda maghha tqieghed lill-imputat ghall-perjodu operattiv kollhu ta' din is-sentenza sospiza taht supervizjoni ta' ufficjal tal-probation; in kwantu ghat-tieni akkuza qeghdha timmultah Lm50 konvetibbli f'gimgha prigunerija fin-nuqqas ta' pagament sa zmien xahar mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------